**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 20 ta' April, 2016

Rikors numru : 12/2016 AL

AB

u

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' divorzju kongunt ipprezentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettew :

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-4 ta' Jannar 1997, minn liema zwieg twieldet il-minuri M li llum ghandha sbatax-il sena;

Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ippubblikat min-Nutar Dott. Nicholas Vella fl-14 ta' Dicembru 1999, kopja ta' liema hija hawn annessa u mmarkata Dok. A;

Illi l-manteniment adegwat qieghed jithallas kif trid il-ligi;

Illi skont il-klawsola numru hamsa (5) tal-precitat kuntratt hemm stabbilit il-kura, kustodja u access ghall-minuri, liema kondizzjonijiet ukoll qed jigu segwiti;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament kontinwament sa minn qabel id-data tal-precitat kuntratt, u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ghalhekk il-partijiet jissodisfaw il-kriterji mposti mill-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex iz-zwieg taghhom jigi xjolt;

Illi l-partijiet jixtiequ illi l-kondizzjonijiet u pattijiet kollha miftehma fil-precitat kuntratt jibqghu validi u effettivi fl-intier taghhom ;

Illi ghal kull buon fini l-partijiet qed jahilfu dan ir-rikors sabiex jikkonfermaw il-kontenut tieghu ;

Talbu li din il-qorti joghgobha :

1. Tordna illi z-zwieg kuntrattat bejniethom nhar l-4 ta' Jannar 1997 jigi mahlul ai fini u effetti kollha tal-ligi ;

2. Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex, fi zmien iffissat minn din il Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Rat illi ir-rikors kongunt gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti Marlene Bonavia;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-14 ta' Dicembru 1999 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.